MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 586/2011

**Central Trading Company Ltd.**
**vs**
**Southcliff Developments Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-21 ta' Gunju 2011 li jghid hekk:

1. Illi socjeta intimata xtrat minghand s-socjeta rikorrenti Lift ghal prezz ta' tmintax-il elf, tlett mija u sebgha u sebghin ewro (€18,377) permezz ta' kuntratt datat tnejn (2) ta' Settembru 2009;

2. Illi l-Lift in kwistjoni gie konsenajt lis-socjeta intimata u debitament installat fil-propreta kif indikat mis-socjeta initmata fil-kuntratt ta' bejgh;

3. Illi s-socjeta intimata hallset biss l-ammont ta' sitt elef u erba' mitt ewro (€6,400) bhala depozitu akkont meta gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni sabiex thalla bilanc ta' hdax-il elf, disa' mija u sebgha u sebghin ewro (€11,977);

4. Illi meta l-Lift kien qieghed jigi installat, stante li ma kienx hemm provvista ta' elettriku fil-proprjeta in kwistjoni, is-socjeta rikorrenti kellha tikri generator u b'hekk dahlet fl-ispejjez ta' tlett mitt ewro (€300) liema spejjez kienu wkoll msemmija fil-kuntratt ta' bejgh u senjatament fi klawsola numru hamsa (5), sabiex b'hekk l-ammont kollu dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti jammonta ghal tnax-il elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro (€12,277);

5. Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jeffettwa l-hlas relattiv, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi s-socjeta intimata baghatet cheque lis-socjeta rikorrenti fl-amrnont ta' tnax-il elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro (€12,277) liema cheque ma setax jissarraf;

7. Illi ghalhekk, l-ammont dovut mis-socjeta intimata huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta rikorrenti, is-socjeta intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tal-istess;

8. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata l-ghaliex, dina l-Qorti ma ghandiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijet fuq premessi, u in vista tal-affidavit guramentat u hawn unit (Dok. AM1 u Dok. AM2);

1. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro (€12,277) u dana bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-mandat ta' sekwestru numru 831/2011 u bl-imghax legali mil-prezentata ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ingunta in subbizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta datata 31 ta' Ottubru 2011 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-31 ta' Ottubru 2011;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti u n-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. AM1 u AM2 annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra s-socjeta intimata), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv b'dan illi s-sentenza issir ezegwibbli fis-7 ta' Lulju 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------